

MT

MT

MT



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 7.4.2011
KUMM(2011) 181 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**dwar it-talba biex titressaq proposta dwar l-iskema ta' irtirar bikri għall-ħaddiema taç-
civil tal-UE**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar it-talba biex titressaq proposta dwar l-iskema ta' irtirar bikri għall-ħaddiema ta' civil tal-UE

Fil-25 ta' Ottubru 2010 l-Kunsill adotta konklużjonijiet li jappellaw lill-Kummissjoni biex, sa nofs l-2011, tressaq proposta leġislattiva sabiex jiġu emendati r-Regolamenti tal-Persunal. Dik il-proposta trid tabroga l-Artikolu 9(2) tal-Anness VIII ta' mar-Regolamenti tal-Persunal jew tirvedih sostanzjalment sabiex jingħata kas tat-tħassib li ġie espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill. Taħt l-Artikolu 241 TFUE, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tippreżentax proposta għandha tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet.

Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar lill-Kunsill li fl-2004 adottat l-Artikolu 9(2) tal-Anness VIII ta' mar-Regolamenti tal-Persunal bħala għodda għall-ġestjoni tar-riżorsi umani. Din l-għodda ppermettiet lill-istituzzjonijiet tal-UE jwarrbu s-sistema ta' qabel dwar it-tmiem tas-servizz (*dégagement*) u għamlitha aktar faċli biex jiġu ingaġġati nies mill-Istati Membri l-ġodda (l-UE 10 u l-UE 2). Din kienet parti mill-pakkett ġenerali li ġie nnegożjat bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-junjins tal-ħaddiema.

Il-Kummissjoni tixtieq tisħaq li r-rapport imressaq lill-Kunsill jagħti ċifri għal prospettiva fuq medda qasira ta' żmien, kif mitlub mir-Regolamenti tal-Persunal. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ma tarax raġunijiet għaliex il-Kunsill għandu jkollu x'jissoponi li l-iskema tista' ma tkunx newtrali għall-baġit fuq medda twila ta' żmien. Mill-2004 'l hawn l-istituzzjonijiet kollha, kif iddefinit fl-Artikoli 1a(2) u 1b tar-regolamenti tal-Persunal, applikaw flimkien l-iskema ta' irtirar bikri. Dan għamluh biss fl-interess tas-servizz u għal għadd restritt ta' każijiet biss. L-iskema kkonformat (b'eċċezzjoni waħda li wieħed jiddispjaċih minnha, għalkemm limitata ħafna) mal-limiti preskritti fl-Artikolu 9(2) tal-Anness VIII ta' mar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tfakkar lill-Kunsill li, minħabba ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' wara t-tkabbir, fl-aħħar snin ġiet applikata rata annwali ta' 10%. M'hemm l-ebda raġunijiet għaliex wieħed għandu jistenna li din ir-rata massima se tintlaħaq kull sena.

L-Artikolu 9(2) huwa indirizzat lill-istituzzjonijiet kollha, u l-istituzzjonijiet kollha jridu jiġġestixxu l-iskema flimkien. Il-Kummissjoni waħedha ma tistax tirrestrinġi l-mod kif istituzzjonijiet oħrajn iħaddmu s-setgħat tagħhom bħala Awtorità Nominanti fir-rigward tal-irtirar bikri. Madanakollu, wara proposta tal-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet aċċettaw li jużaw il-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom bħala awtoritajiet nominanti u li għall-2010-2011 japplikaw rata ta' madwar 8%. Dan jagħti kas tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għar-reklutaġġ ta' persuni bin-nazzjonalità tal-UE-10, kif ukoll tal-ħtieġa persistenti li jiġu ingaġġati nies mill-Istati Membri tal-UE-2.

Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni ma tqisx li, f'dan l-istadju, hemm għalfejn jiġi rivedut l-Artikolu 9(2) tal-Anness VIII ta' mar-Regolamenti tal-Persunal. Madanakollu, hija se tagħti l-attenzjoni dovuta lit-tħassib tal-Kunsill meta tkun qed tagħmel proposta biex jiġu emendati r-Regolamenti tal-Persunal.